# QORTI KRIMINALI

Onor. Imhallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

**Att t'Akkuza 2/2018**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Grazio Azzopardi**

Illum 16 ta' Frar, 2021

Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuza bin-numru 2/2018 migjub kontra Grazio Azzopardi, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru: 124551M fejn:

**L-Ewwel Kap**:

Nhar is-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) kif ukoll fix-xhur u snin ta' qabel din id-data, gewwa 141, Triq Dawret ix-Xatt, Ix-Xghajra Zabbar, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna vulnerabbli u taht l-eta' u cioe' ma' A u dan bl-uzu ta' vjolenza, sforz, forza u theddid.

**It-Tieni Kap:**

Nhar is-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) kif ukoll fix-xhur u snin ta' qabel din id-data, gewwa 141, Triq Dawret ix-Xatt, Ix-Xghajra Zabbar, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'ghemil zieni kkorrompa lil tifla ta' taht l-eta' u cioe' lil A u dan billi wza vjolenza, theddid jew qerq waqt li l-minuri giet fdata lilu ghal xi zmien sabiex jiehu hsiebha u jzommha.

**It-Tielet Kap:**

Nhar is-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) kif ukoll fix-xhur u snin ta' qabel din id-data, gewwa 141, Triq Dawret ix-Xatt, Ix-Xghajra Zabbar, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bla ordni skont il-Ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil A, tifla taht l-eta', sabiex toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

**Ir-Raba' Kap**:

nhar is-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) kif ukoll fix-xhur u snin ta' qabel din id-data, gewwa 141,

Triq Dawret ix-Xatt, Ix-Xghajra Zabbar u f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghal qligh, jew ghat-tqassim, jew ghall-wiri f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku, immanifattura, stampa jew xort'ohra ghamel jew dahhal f'Malta jew akkwista, zamm, iccirkola jew esporta xi stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq kemm jekk le.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet u l-Lista tax-Xhieda tal-akkuzat Grazio Azzopardi pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Gunju, 2018;

Semghet lill-partijiet fis-sottomissjonijiet orali taghhom;

Rat l-atti tal-kawza:

Ikkunsidrat:

1. Illi fl-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu, l-akkuzat eccepixxa hekk:

*Illi preliminarjament l- esponent akkuzat jeccepixxi n-nullita' tal-Att tal-Akkuza.*

*Wiehed ma jkunx qieghed jonqos meta jghid li l-Att ta' Akkuza gie ddrammatizzat b'tali mod li l-gurati jinghataw impressjoni li b'mod immedjat ser tixhet dawl ikrah fuq l-esponent, u per konsegwenza tista' tippregudika irrimedjabilment l- process tieghu mill-bidunett;*

*Il-mod ta' kif inhu redatt l-Att tal-Akkuza jista' jwassal illi s-serenita' tal-gudizzju tal-gurati tigi disturbata u ghalhekk jista' jinholoq pregudizzju ta' smiegh xieraq.*

*Bl-akbar rispett, l-Avukat Generali fl-Atti tal-Akkuza konvenjentement ghazel li jhalli barra dawk id- dettalji li jimmilitaw favur l-esponent. Il-gurati ser jithallew fl-ghama minn informazzjoni fundamentali. Fl-Att tal-Akkuza, l-Avukat Generali imkien ma jindika li l-minuri A ma kienetx tkun wahedha ghand l-esponent izda kien ikun hemm huha. Anzi, l-indikazzjoni li tinghata fl-Att tal-Akkuza hija li l-minuri A kienet tkun wahedha mal-esponent.*

*L-Avukat Generali lanqas ma jindika fl-Att ta' Akkuza li l-minuri kienet ilha s-snin tmur ghand l- esponenti u li f'dawn is-snin kollha l-minuri qatt ma indikat li kienet qed tigi abbuzata jew rat xi ghajn hazina mill- esponenti, u b'kumbinazzjoni kien proprju xi jiem wara li nqalghet tilwima pjuttost tahraq bejn l-esponenti u omm il-minuri rigwardanti indirizz ta' fond proprjeta' tal-esponenti li kienet taghmel uzu minnu B, li bdew l- allegazzjonijiet li l-minuri kienet qed tkun abbuzata mill-esponenti.*

*Illi bl-akbar rispett, fl-Att tal-Akkuza, l-Avukat Generali kellu jindika d-dettalji l-aktar importanti u fundamentali u mhux jindika biss dawk id-dettalji li jixhtu minnufih dawl ikrah fuq l- esponenti.*

*Illi minkejja li l-Avukat Generali jgawdi diskrezzjoni dwar x'akkuzi jressaq f'Att ta' Akkuza, imbaghad ikun f'idejn il-gurati li jiddeciedu jekk tali akkuzi jkunux gew ippruvati sal-*

*grad rikjest mill-ligi jew le. Pero', irid jinghad ukoll li l-istess Avukat Generali ghandu jibni l-Att ta' Akkuza fuq il-provi kollha migbura waqt l- istruttorja;*

*Illi l-mankanza ta' dan, liema mankanza tavvera ruhha fl-att ta' akkuza in kwistjoni, hija assolutament leziva tad-dritt fundamentali tal-esponent illi jkollu smiegh xieraq, liema dritt huwa mhares mill-Kostituzzjoni ta' Malta taht l-artikolu disgha u tletin (39), kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali taht l-artikolu sitta (6), u f'dan is-sens ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-esponent jiddikjara li huwa qieghed jirriserva l-posizzjoni Kostituzzjonali tieghu.*

2. Dwar din l-eccezzjoni, jibda biex jinghad illi huwa l-artikolu 589 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi kif ghandu jsir l-att tal-akkuza. Is-subartikolu (c) tieghu irid illi l-att tal-akkuza ghandu "*ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistghu jinghataw dwar iz-zmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra taghha r-reat ikun sar, flimkien mac-cirkostanzi kollha li, skond il-ligi u fil-fehma tal-Avukat Generali, jistghu jkabbru jew inaqqsu l-piena*". Din il-parti tal-fatti fl-att tal-akkuza hija komunement msejjha l-parti narrattiva li fiha l-Avukat Generali iressaq gabra fil-qosor tal-fatti li jemergu mill-atti quddiem l-Istruttorja. Minn dan l-aspett ma hemm xejn li mhux skond dan l-artikolu fin-narrattiva rigwardanti l-att ta' akkuza in disamina;

3. Dak illi l-akkuzat qed jilmenta minnu hu li l-Avukat Generali drammatizza n-narrattiva u eskluda minnha aspetti favorevoli ghall-akkuzat b'mod illi l-gurati ser jithallew fil-

ghama dwar informazzjoni fondamentali u b'hekk ser jinholoq pregudizzju ta' smiegh xieraq. Jidher illi l-artikolu 589(c) tal-Kodici Kriminali maz-zmien intuza b'mod illi n-narrattiva tal-Avukat Generali minn xi daqqiet tirrizulta f'rakkont interminabbli ta' dawn l-aspetti tal-provi li jidhirlu li jaghmlu l-kwadru komplet ta' dak li ta lok ghall-akkuza li ssegwi. Dik in-narrattiva ta' spiss taghti lok, bhal fil-kaz odjern, ghall-eccezzjonijiet u konsegwenzjali sentenzi segwiti b'appell u sentenzi finali tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Hija l-ewwel haga li jisimghu il-gurija mal-qari tal-att tal-akkuza u li imbaghad u li b'mod doveruz l-Imhallef togat ikollu jispjega u jibqa' jfakkar lill-guri sal-mument li jidhol ghad-deliberazzjoni illi dik hija biss narrattiva skond l-Avukat Generali u li ma tammontax ghal-prova tal-fatti. Fi kliem iehor sta ghal-legislatur li jqis u jixtarr kemm ghad hemm lok ghal-dan is-subinciz meta dak li hu ta' massima importanza huwa l-fatt li jirrendih rejat. Hekk kif quddiem il-Qorti tal-Magistrati il-vot tal-ligi huwa sodisfatt bir-riproduzzjoni tal-artikolu tal-ligi allegatament infratt mill-imputat hekk ukoll ghandu jaqdi l-istess skop tali riproduzzjoni fl-att tal-akkuza;

4. Ventilat dan, izda, u kif gia osservat *supra*, n-narrattiva in kwisjtoni hija konformi ma' dak li titlob il-ligi u l-akkuzat ma jistghax jistenna illi l-Avukat Generali jelenka dawk l-aspetti tal-provi li huma a beneficcju tieghu. Ma hemm xejn x'jostor lill-akkuzat li jestrapola dawk il-provi mill-atti processwali waqt il-guri bil-mezzi kollha ghad-disposizzjoni tieghu u jgibhom a konjizzjoni tal-guri. Dak li hu ta' massima mportanza hu li dak rakkontat mill-Avukat Generali jemergi mill-atti tal-istruttorja. U ezaminati l-atti, dan huwa pjenament in regola;

5. Konsegwentement ma hemm ebda nullita' fl-att tal-akkuza u din l-eccezzjoni qed tkun michuda;

6. It-tieni eccezzjoni sollevata mill-akkuza taqra hekk:

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jeccepixxi n-nullita' tal-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza u dan stante li l-fatti indikati mill-Avukat Generali gew drammatizzati aktar milli mehtieg, bl-iskop li l-gurati jinghataw impressjoni li b'mod immedjat ser tixhet dawl ikrah fuq l-esponent u per konsegwenza tista' tippregudika irrimedjabilment il-process tieghu mill-bidunett.*

*Bl-akbar rispett, uhud mill-fatti kif esposti f'dan il-Kap ma jikkostitwixxux l- elementi tar-reat li l-istess Avukat Generali qieghed jakkuza lill-esponent bih.*

*Il-gurati immedjatament ser ikunu nfurmati li l-esponenti allegatament hedded lit-tifla b'sikkina sabiex gieghlha toqghod ghal atti sesswali fuq il-persuna taghha;*

*Bl-akbar rispett fix-xiehda dettaljata taghha, il-minuri mkien ma tindika li l-esponent kien jheddidha b'xi sikkina jew b'xi arma ohra;*

*Illi bl-akbar rispett, anka l-piena indikata u li qed tkun mitluba li tigi nflitta fil-konfront tal-akkuzat mill-Avukat Generali f'kaz ta' sejbien ta' htija hija erronea u zbaljata.*

*Illi inoltre, f'kaz illi din l-Onorabbli Qorti tkun tal-fehma li dawn il-fatti ma jwasslux ghan-nullita' tal-Ewwel Kap innifsu, l-istess Onorabbli Qorti ghandha tordna t-thassir jew ir-*

*riforma tal-partijiet inj kwistjoni u dana sabiex jigi assigurat process ekwu u gust.*

7. Il-Qorti hi tal-fehma illi l-konsiderazzjonijiet maghmulha *supra* dwar l-ewwel eccezzjoni huwa ugwalment applikabbli dwar din l-eccezzjoni. Jizdied jinghad illi l-akkuzat qieghed jilmenta minn aspett partikolari tan-narrativa fejn l-Avukat Generali jallega theddid b'uzu ta' sikkina jew b'xi arma ohra meta l-minuri qatt ma allegat tali fatt. Ezaminati l-atti processwali, jemergi illi omm il-minuri xehedet dwar dak li qalet lilha l-minuri u f'dan ir-rigward ghalhekk l-akkuzat ma ghandux ragun la darba din l-allegazzjoni hi radikata fl-atti tal-istruttorja. Inotlre fil-lista' ta' oggetti esebiti hemm inkluzi skieken esebiti fl-atti processwali u ghalhekk ma hemm l-ebda nullita' fl-ewwel Kap tal-att tal-akkuza. Issa, jekk dan jirrizultax jew le mill-provi u min allega hekk u jekk dak li ntqal jammontax ghall-*hearsay evidence* huwa rimess lill-guri bid-direzzjoni debita tal-Imhallef tal-guri. L-akkuza proferita mill-Avukat Generali u kif ravvizata fl-ewwel kap takkludi dik tal-kommissjoni tad-delitt bl-uzu tal-vjolenza u thedid ghalhekk fejn in-narrattiva tghid li dak allegat sar b'theddid b'uzu ta' sikkina ma kienx wiehed kapriccuz u mhux marbut ma' dak riskontrat fl-atti processwali.

8. Illi ghalhekk ma tirrizulta ebda nullita' fl-ewwel kap tal-att tal-akkuza u din l-eccezzjoni qed tkun respinta;

9. Fit-tielet eccezzjoni tieghu, l-imputat jecepixxi:
*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jeccepixxi n-nullita' tat-tieni kap tal-Att tal-Akkuza u dan stante li l-fatti indikati mill-Avukat Generali gew drammatizzati aktar milli*

*mehtieg, bl-iskop li l-gurati b'mod immedjat jinghataw impressjoni li tixhet dawl ikrah fuq l-esponent u per konsegwenza tista' tippregudika irrimedjabilment il-process tieghu mill-bidunett;*

*Bl-akbar rispett, uhud mill-fatti kif esposti fit-Tieni Kap ma jikkostitwixxux l-elementi tar-reat li l-istess Avukat Generali qieghed jakkuza lill-esponent bih.*

*Il-gurati immedjatament ser ikunu nfurmati li l-esponenti allegatament hedded lit-tifla b'sikkina sabiex igieghlha toqghod ghall-atti sesswali li allegatament wettaq fuq il-persuna taghha.*

*Bl-akbar rispett, fix-xhieda dettaljata taghha, il-minuri mkien ma tindika li l- esponent kien jheddidha b'xi sikkina.*

*Illi inoltre, f'kaz illi din l-Onorabbli Qorti tkun tal-fehma li dawn il-fatti ma jwasslux ghan-nullita' tat-Tieni Kap innifsu, l-istess Onorabbli Qorti ghandha tordna t-thassir jew ir-riforma tal-partijiet in kwistjoni u dana sabiex jigi assigurat process ekwu u gust;*

10. Dwar din l-eccezzjoni, l-Qorti jidrilha illi l-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-ewwel u t-tieni eccezzjoni gia jindirizzaw ukoll l-ilment tal-akkuzzat f'din l-eccezzjoni. Konsegwenza ta' dan, ma tirrizulta l-ebda nullita' fit-tieni Kap tal-att tal-akkuza u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tkun respinta;

11. Ir-raba eccezzjoni tal-akkuzat tirrigwarda l-istqarrija tieghu rilaxxjata lill-ufficjal tal-Pulizija li nvestiga l-kaz:

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-akkuzat jeccepixxi l-inammissibilita' tal-istqarrijiet tal-istess akkuzat Grazio Azzopardi u dana stante li dawn saru meta ma kienx prezenti avukat waqt l-interrogatorju sabiex jassisti lill-esponenti, u konsegwentement jitlob l-isfilz tal-istess mill-atti, kif ukoll kwalsiasi referenza ta' kwalunkwe xhud ghall-istess stqarrijiet jew ghal dak kollu li ntqal u ghal kwalunkwe reazzjoni li ghamel l-esponenti waqt l-interrogazzjonijiet.*

12. Mill-atti processwali tirrizulta esebita a fol 9 sa 14 stqarrija ta' Grezio Azzopardi bid-data tal-1 t'April, 2016. Din l-istqarrija hija preceduta bis-segwenti kawzjoni li ghaliha ffirma l-istess Azzopardi:

*M'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq titkellem, imma dak li tghid jista jingieb bi prova. Inti ghandek il-jedd jekk inti titlob, li qabel ssirlek xi interrogazzjoni, tithalla kemm jista jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imb'wicc jew bit-telefon ghal mhux aktar minn siegha zmien. Inti qieghed tigi mgharraf ukoll li jekk inti tezercita d-dritt li tikkonsulta l-avukat jew prokuratur legali kif spjegat aktar 'l fuq u waqt l-interrogatorju inti ma tkunx trid tghid xejn jew tonqos milli ssemmi xi fatt, jekk ikun il-kaz li l-quddiem jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tieghek, il-Qorti jew il-gudikant jistghu jaslu ghal regola ta' inferenza li tammonta ghal prova korrobaorattiva, jekk matul il-process inti tressaq xi difiza li tikun ibbazata fuq xi fatt li ma tkunx semmejt matul l-interrogazzjoni. Finalment qieghed tigi nfurmat ukoll li jekk ikun hemm kawzi ragonevoli, jista' jigi awtorizzat li t-twettiq ta' l-ezercizzju tal-jedd tieghu ghal parir*

*legali jigi mdewwem ghal mhux aktar minn 36 siegha kif stipulat fl-artikoli 355AT/355AU tal-Kodici Kriminali.*

13. Fl-inizzju tal-istqarrija Grezio Azzopardi ikkonferma illi kien ghadu kemm inghata d-dritt tal-avukat u li kien fil-fatt kellem lill-Dr. Francine AbA LL.D. Ikkonferma ukoll li inghata d-dritt tas-silenzju u li seta ma jwegibx. Dwar din l-eccezzjoni ftit hemm x'jinghad la darba ttiehdet skond il-procedura vigenti fiz-zmien tat-tehid taghha;

14. Fis-sena 2010 dahal fis-sehh ghall-ewwel darba fis-sistema legali taghna d-dritt ta' assistenza legali li suspettat ghandu jkollu fi zmien meta jkun mizmum mill-Pulizija ghal skop ta' investigazzjoni. B'emendi li saru minn dakinhar hemm *in vigore* llum regoli dwar dik l-assistenza li suspettat ghandu jistenna li jkunu applikati fil-konfront tieghu mill-Pulizija waqt li jkun fil-kustodja taghha. Huwa palezi illi dwar dan kien hemm zvilupp gurisprudenzjali sia mill-Qrati ta' kompetenza kriminali, dawk kostituzzjonali kif ukoll mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem. L-aktar gurisprudenza recenti li ghaliha ser taghmel referenza din il-Qorti hi dik emergenti mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Jannar, 2021 fl-ismijiet The Republic of Malta vs Samur Lamin Seguba. Issa ghalkemm il-kwistjoni hemm devoluta kienet tirrigwarda r-rilaxx ta' stqarrija wara rifjut ta' assistenza legali kif vigenti dak iz-zmien mill-akkuzat nniffsu jidher illi l-insenjament emergenti minn din is-sentenza huwa li r–ricerka trid issir fuq jekk il-prova ttehditx skond il-ligi f'dak iz-zmien:

*The Court of Criminal Jurisdiction cannot a priori expunge evidence from the records which at this stage still has its*

*probative weight for the reason put forward by appellee in his preliminary plea. This is because according to the said court dicts the denial of legal assistance during interrogation does not automatically lead to a breach of the accused's right to a fair hearing, when the European Court is now directing domestic courts to investigate whether the proceedings as a whole were fair, an exercise that can be carried out only after all evidence has been brought forward at the trial, accused also having a right to appeal from the verdict and judgment of the Criminal Court establishing his guilt".*

15. Fil-konkluzzjoni taghha, l-Qorti rriteniet illi:

"*In the light of the above considerations, and since the defence is basing its objection on the inadmissibility of the defendant's statement not on any evidentiary rule which attacks the probative value of such evidence, since the pre-trial statement complied with the criminal law in force at the time, but on the alleged breach of his right to a fair hearing under article 6 of the european Convention were that incriminating statement to be used in court of justice against him, the Court cannot agree with the ruling of the First Court wherein it declared such pre-trial statement as inadmissible as evidence at this stage of the proceedings, since it is only after all evidence, both in favour and against the accused, has been heard would it be possible to conduct the two-tier test as established by the European Court of Human rights and this in order to determine whether the overall fairness of the proceedings has been compromised if accused's statement were to be used against him as evidence".*

16. Jidher illi sabiex ikun determinat jekk kien kompromess *the overall fairness of the proceedings* skond tal-ezami jekk it-tehid tal-istqarrija kienitx leziva tad-drittijiet tal-akkuzat l-ezami irid isir wara li jkunu konkluzi dawn il-proceduri u allura fi stadju ta' revizzjoni u mhux f'dan l-istadju li fih hu tenut li jkun ezaminat jekk l-istqarrija ttehditx skond il-ligi kif vigenti dak inhar. Fit-termini ta' dak ritenut fis-sentenza appena citata, din l-istqarrija ttiehdet skond il-ligi vigenti f'dak iz-zmien u ma hemm l-ebda raguni ghaliex id-dokument konsistenti fl-istqarrija in disamina ghandu jkun dikjarat inammissibbli.

17. Ghal dawn ir-ragunijiet dan l-aggravju qed ikun respint;

18. Il-hames eccezzjoni tal-akkuzat hija konnessa mat-tehid tal-istqarrija tieghu u senjatament:

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-akkuzat jeccepixxi l-inammissibilita' tar-recordings tal-istqarrijiet tal-istess akkuzat Grazio Azzopardi u dana stante li dawn saru meta ma kienx prezenti avukat waqt l-interrogatorju, u konsegwentement, jitlob l-isfilz tal-istess mill-atti.*

19. F'din l-eccezzjoni l-akkuzat qed jitlob dikjarazzjoni ta' inammissibilita tar-registrazzjoni tal-istqarrija tieghu. Konsegwenti ghac-cahda tal-eccezzjoni dwar l-inammissibilita' tal-istqarrija, huwa inevitabbli li din l-eccezzjoni tkun ukoll respinta u din il-Qorti mghandhiex ghalfejn tinoltra aktar. Ghal din ir-raguni, il-hames eccezzjoni qed tkun ukoll respinta;

20. Is-sitt eccezzjoni sollevata mill-akkuzat tirrigwarda parti mid-deposizzjoni ta' wiehed mix-xhieda:

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jeccepixxi l-inammissibilita' ta' paragrafu numru erbatax (14) tax-xhieda ta' Dr Mariella Mangion datata s-26 ta' April, 2016 u jitlob l-isfilz tal-istess u dan stante li f'paragrafu 14 tal-istess xhieda, Dr Mariella Mangion tezorbita l- inkarigu moghti lilha u per konsegwenza kwalunkwe opinjoni minnha f'dan ir-rigward hija inammissibbli;*

21. F'din l-eccezzjoni l-akkuzat jilmenta illi wahda mix-xhieda, t-tabiba Dr. Mariella Mangion, esprimiet opinjoni u li din ma kienitx kompetenti tesprimi tali oppinjoni li ghalhekk talab l-isfilz tal-paragrafu rAttiv. L-akkuzat qieghed jirreferi ghall-paragrafu 14 tad-deposizzjoni ta' Dr. Mariella Mangion li tinsab a fol 173 sa fol 176 tal-atti processwali. Jibda biex ikun precizat illi Dr. Mariella Mangion xehedet fl-udjenza tal-21 ta' Gunju 2016 u mhux fis-26 t'April, 2016 kif indikat mill-akkuzat. Dan l-izball mhux attribwibbli lill-akkuzat ghaliex dik hija d-data erronjament indikata fuq it-traskrizzjoni kif ukoll, incidentalment, hija erronja d-data indikata fit-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tax-xhieda Dr. Joe Cassar a fol 171 sa 172;

22. Jidher illi l-ilment tal-akkuzat huwa radikat mill-intendiment illi Dr. Mariella Mangion hija xhud ordinarju u mhux xhud espert. Mill-atti processwali jemergi illi Dr. Mangion kienet ikkonduciet ezami fiziku fuq il-minuri u minn dak li rrizultalha hasset il-htiega li tinforma lill-Pulizija. Gara, izda, wara li kienet ordnata inkjesta fl-*in genere*, il-Magistrat Inkwirenti nnominat lill-istess tabiba

bhala wahda mill-esperti bis-segwenti inkarigu: "*bhala espert mediku taghmel ezami formali fuq il-gisem tal-minuri .....u dan biex jigi stabilit jekk kienx hemm xi abbuz sesswali u tirrAta bil-miktub dwar ir-rizultanzi taghha lil din l-Onorabbli Qorti*";

23. Issa, fid-deposizzjoni taghha quddiem il-Qorti Istruttorja, Dr. Mangion spjegat ir-raguni ghaliex dehirlha li l-minuri kienet qed tghid il-verita' fid-deskrizzjoni ta' dak li allegatament ssubiet paragunat mal-ezami fiziku li kkonduciet fuq il-persuna taghha. Bhala xhud espert, Dr.Mangion kellha kull dritt tesprimi tali opinjoni u hija fil-mansjoni tal-Imhallef tal-guri, imbaghad, biex jidderigi lill-gurati kif ghandhom iqisu din l-opinjoni, igiifieri bhala limitata ghall-sejbien klinici rizultanti mill-ezami fuq il-persuna tal-minuri u <u>mhux</u> li dik l-opinjoni tittiehdet bhala konkjuzzjoni tal-fatti kollha migjuba ghal konsiderazzjoni taghhom daqs li kieku x-xoghol taghhom huwa komplut billi jaghmlu taghhom l-opinjoni tal-espert;

24. Illi ghalhekk, din l-ecccezzjoni qed tkun michuda;

25. Fis-seba eccezzjoni l-akkuzat jecepixxi hekk:

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jeccepixxi l-inammissibilita' tar-rapport ta' Dr Mariella Mangion a fol. 71 tal-atti processwali u jitlob l-isfilz tal-istess u dan stante l-fatt li fix-xhieda taghha tas-26 ta' April, 2016, Dr Mariella Mangion f' paragrafu erbatax tiddikjara li '...le bazikament il-kontenut tar-rapport huwa dak li nahseb jiena ...' Bl-akbar rispett, ir-rapport mhux biss ma huwiex ibbazat fuq fatti izda talli fir-rapport, Dr Mariella Mangion marret oltre l-inkarigu*

*moghti lilha mill-Magistrat Inkwirenti Dr Consuelo Scerri Herrera u dan ghaliex l-inkarigu moghti lilha mill-istess Magistrat kien strettament limitat ghall-ezami fiziku tal-minuri. Skont dan l-istess inkarigu, l-espert kellha biss '...taghmel ezami formali fuq il-gisem tal-minuri A u dan biex jigi stabbilit jekk kienx hemm xi abbuz sesswali...', u ghalhekk dawk il-partijiet tar-raport li jirrAtaw dwar, fost l-ohrajn, il-karattru u l-verzjoni tal-fatti tal-minuri ghandhom jigu eliminati.*

26. Il-Qorti jidrilha illi l-konsiderazzjoni u konkluzzjoni maghmulha dwar is-sitt eccezzjoni huma ugwalment applikabbli ghal din l-eccezzjoni u ghalhekk tapplika l-istess ghal-din l-eccezzjoni u konsegwentment tirrispingi l-istess;

27. It-tmien u d-disa eccezzjoni jistghu jkunu konsiderati flimkien u huma rAtati mal-kwisjtoni tal-istqarrija tal-akkuzat:

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l- akkuzat jeccepixxi l-inammissibilita' ta' fol. 48, fol. 49, fol. 50, fol. 51, fol. 53, fol. 54, fol. 55, fol. 56, fol. 57 u fol. 58 tax-xhieda tal- ispettur Joseph Busuttil tat-8 ta' April, 2016 u jitlob l-isfilz tal-istess u dan stante li f'dawn ili- folji x-xhud jaghmel referenza ghall-istqarrijiet tal-akkuzat meta dan ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogatorju.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-akkuzat jeccepixxi l-inammissibilita' ta' fol. 178, fol. 179 u fol. 180 tax-xhieda tal-PS Lydon Zammit tas-26 ta' April, 2016 u jitlob l- isfilz tal-istess u dan stante li f'dawn il- folji x-xhud jaghmel referenza ghall-istqarrijiet tal-akkuzat meta dan ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogatorju.*

28. Ikkunsidrat illi la darba l-eccezzjonijiet tal-akkuzat fir-rigward tal-inammissibilita' tal-istqarrija tieghu u tar-registrazzjoni tal-istess stqarrija kienu michuda, huwa logiku illi dawn iz-zewg eccezzjonijiet ikunu ukoll michud bhala konsegwenza. Ghal din ir-raguni, l-eccezzjonijiet numru tmienja u disa huma respinti;

29. L-ahhar eccezzjoni tal-akkuzat tirrigward deskrizzjoni ta' terminu uzat minn wiehed mill-esperti tal-Qorti u tghid hekk:

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jeccepixxi l-inammissibilita' tar-rAzzjoni ta' Dr Stephen Farrugia Sacco u jitob l- isfilz tal-istess, u dan stante l-fatt li fir-rAzzjoni tieghu, Dr Farrugia Sacco irrAta li l-kontenut ta' diversi CDs juri 'girls' jaghmlu diversi atti sesswali, u dan minkejja l- fatt li m'hemm l-ebda partecipazzjoni ta' tfal fil-pornografija murija f'dawn is-CDs. Bl-akbar rispett, bil-kelma girls, ser jigi mifhum u interpretat mill-gurati li l-kontenut ta' dawn is-CDs huwa ta' pornografija tat-tfal u dan meta ma huwiex il-kaz. Tajjeb li wiehed jinnota li Dr Stephen Farrugia Sacco uza l-kelma 'women' diversi drabi sabiex jirrAta dwar il-kontenut ta' CDs ohra li kienu wkoll fil-pussess tal- imputat, izda ghal raguni mhux maghrufa, ghazel li juza l- kelma 'girls' meta rrAta dwar il-kontenut ta' CDs ohrajn.*

30. Illi dwar din l –eccezzjoni l-espert tekniku ikun xehed meta pprezenta r-rAzzjoni tieghu u ddikjara li ghamel elenku tal-kategoriji ta' pornografija migjuba fis-CDs minnu ezaminati. A fol. 318 iddikjara illi ma sab ebda pornografija ta' tfal minuri. A fol. 327 tal-atti processwali li hija s-sitt pagna tar-rAzzjoni tieghu l-espert jikkonferma illi ma rriskontra ebda materjal pornografiku ta' minorenni.

Ezaminat l-elenku tas-CD u rizultanzi, mkien ma tidher il-kelma ‘girls’ kif jallega l-akkuzat. Issa jekk din il-kelma ntuzat mill-espert bhala ‘keyword’ fis-search tieghu, allura ma hemmx dik il-preokkupazzjoni mqanqla mill-akkuzat li wara kollox hu konfortat mill-fatt illi la hemm akkuza in rigward kif ukoll illi l-istess espert ikkonferma n-nuqqas ta’ sejbien ta’ pornografija ta’ tfal liema espert hu wara kollox soggett ghall-kontro ezami fil-guri. Certament li ma hemm l-ebda raguni ghall-isfilz tar-rAzzjoni tal-espert u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tkun michuda.

**(ft) Giovanni M. Grixti**

**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Christopher Camilleri**

**Deputat Registratur**